# Beati u Qaddisin....Awissu

Santa Rosa minn Lima 23 ta' Awissu

Santa Rosa minn Lima twieldet fl-20 ta' April, 1586 gewwa l-Peru'. Missierha kien Spanjol,




Gaspar de Flores u ommha li kellha demm tar-razza Inca kien jisimha Marija d'Olivia. Giet mghammda u tawha l-isem ta' Isabel de Herrara.

Minhabba li t-tarbija Isabella kienet fragli f'sahhitha giet mghammda d-dar. Wara li hadet sahhitha giet regghet imghammda fil-knsija ta' San Bastjan. Isabella kienet tfajla sabiha hafna u dan kien ibezzaghha ghaliex hija qatt ma riedet tkun ic-centru ta' l-attrazzjoni. Matul is-snin isimha imbiddlilha f'Rosa u hekk sar isimha fil-jum tal-Grizma taghha fis-sena 1597. Il-kumplimenti li kienu jaghtuha kienu oggett ta' dieqa ghaliha ghax kienet tibza' li tisuppervja u titlef l-attenzjoni taghha minn fuq Alla.

Matul is-snin hija kienet timmortifika ruhha biex tiffoka fuq Alla, l-oggett ta' qalbha. Hajjitha

fasslitha fuq dik ta' Santa Katarina minn Siena. Kemm Santa Katarina kif ukoll Santa Rosa kienu jghaddu minn mumenti ta' imhabba kbira meta kienu jkunu quddiem il-prezenza ta' Gesu' Ewkaristija. Il-gentiuri taghha tilfu hafna minn gidhom waqt meta l-impriza tal-minjieri marret lura. Huma kienu jistennew li binthom Rosa tizzewweg. Izda hija ma rieditx tiehu t-triq taz-zwieg ghax offriet lilha nfisha lil Alla. Kienet tidlek wiccha bi bzar jahrqa hafna biex wiccha jitleg is-sura ta' sbuhija li kellha u hekk tidher inqas attraenti. Kienet tuza kull mezz biex tiggieled il-vanita' u taghti lilha nifisha lill Alla.

Meta l-familja taghha tilfet flusha, hija ghamlet hilitha bie tieqaf maghha billi kinet tbight il-bizzilla li kienet tahdem. Hija kienet ghix f'kamra fil-gnien li huha kien bnielha. Hemmhekk kienet tghaddi iljieli titlob u taghmel penitenza u timmedita fuq Kristu u Ommu Marija. Hija kienet issofri minn nixfa spiritwali u tghaddi minn tentazzjonijiet, izda dejjem haditha kontra l-volonta' taghha biex tibqa' ffukata fuq Alla, il-mahbub taghha. Qaghtet xagharha u kienet tilbes ilbies ahrax. Biex teghleb kull hajra ghaz-zwieg hija nghaqdet mat-Terz' Ordni Dumnikana. B'hekk setghet tahdem bhala membru fil-knisja filwaqt li xorta wahda tghix fil-familja.

Aktar ma ghaddha iz-zmien hija ziedet fil-penitenza - issum aktar u torqod inqas, tiekol dak li kien mehtieg biss u qatt laham. Hija bdiet tesperjenza lil Alla meta ghal sighat shah kienet tkun f'estasi ta' mhabba lejn il-Hallieq taghha. Meta bdiet toqrob len it-tmiem ta' hajjitha hija tablet lil Gesu' biex izidilha t-tbatija u maghha l-imhabba tieghu."

Meta fi-30 ta' Awissu 1617 hija ghaddiet ghall-hajja l-ohra, ghamlulha funeral li ghalih attendew follol kbar. Kienet maghrufa ghall-karita li kienet taghmel mal-fqar ta' Lima. Hija ndahlet ghan-nies tal-lokal li kienu jghixu fil-faqar meta id-deheb li kienu jigbru mill-minjieri kienet ikun esportat lejn ir-renju Spanjol biex dan isir sinjur. Hafna kienu l-konverzjonijiet li sehhew wara mewtha u l-mirakli li gew attirbwiti bl-intercessjoni taghha. Il-Papa Klement ikkanonizaha fis-sena 1671.